MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 336/2011/1

**Appell Numru: 336/2011**

**CLAYTON CAMILLERI (210380M)**

**Vs**

**SUNDREAM LIMITED (C10426)**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tad-09 ta' Jannar 2013, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti,*

*Rat ir-rikors promoturipprezentat mill-attur nhar it-tlieta (3) ta' Ottubru, 2011 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta tirrifondi lura is-somma ta' sitt elef, tmien mija u wiehed u sebghin Ewro u erbgha w tletin centezmu (€6,871.34) jew somma verjuri mhallsa lis-socjeta' konvenuta fuq xiri ta' magna outboard tal-marka Tohatsu MD90HP BEPOL TLDI stante li l-istess mutur ghandu difett latent u dan okkorrendo wara li din il-Qorti tordna ir-rexissjoni ta' dan il-kuntratt ta' bejgh relattiv tat-tmintax (18) ta' Lulju, 2009.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk tac-cedola ta' depozitu prezentata kontestwalment ma' dan ir-rikors. Bl-imghax.*

*Il-konvenut ingunt in subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Sundream Limited li giet prezentata fir-Registru tal-Qorti nhar il-15 ta' Dicembru 2011 fejn eccepiet is-segwenti:*

*1. "Illi preliminarjament it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi l-azzjoni hija wahda redibitorja u kwindi preskritta a tenur ta' l-Artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li ma jezisti l-ebda difett okkult fil-mutur tal-bahar mibjugh mill-konvenuta lill-attur li ghadu jintuza regolarment minnu.*
*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost u fil-mertu kull hsara li seta' sofra l-mutur tal-bahar mibjugh mill-konvenuta lill-attur, giet kagunata unikament minnu jew minn terzi fuq struzzjonijiet tieghu kif jista' jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*
*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.*
*Bl-ispejjez."*

*Rat illi nhar is-17 ta' Jannar, 2012 l-attur Clayton Camilleri ipprezenta l-affidavit tieghu li gie mmarkat bhala Dok CC. Spjega illi huwa kellu dghajsa tad-ditta "Kaptan Trend" u kellu bzonn mutur ghaliha u kien ghalhekk li mar ghand is-socjeta' konvenuta. Huwa xtaq jixtri mutur tal-ghamla Suzuki 90hp u talab lis-socjeta' konvenuta jekk kellhiex u hija wegbitu li kellha in stock u ghalhekk kien ser jaghmel deposit relattiv. Tal-hanut urieh il-mutur u minnufih innota li dan ma kienx l-ahhar mudell ghaliex kien jizen aktar. Kien hemmhekk meta qallu li ma kellux il-mudell li xtaq u li dak il-mudell li ried kellu problemi bil-hydraulic system. Ghalhekk il-konvenut gie pperswadit jiehu mutur iehor tal-ghamla Tohatsu 90hp ukoll. Qallu li dan kellu l-istess piz tal-mutur li xtaq. Huwa accetta li jixtrih u dan wara li l-konvenut qallu li kien ser itih tlett snin garanzija u li kien ser jinstallalu l-mutur hu stess. Fil-fatt nhar it-18 ta'*

*Awwissu, 2009 huwa hallsu s-somma ta' €6,871.34 skond il-Vat receipt esebita fl-atti u immarkata bhala Dok C1.*

*Qal li kienu ftehmu wkoll li kellu johodlu d-dghajsa sabiex iwahhallu l-mutur. Hekk ghamel u twahhal il-mutur izda meta d-dghajsa marret lura fil-garaxx tal-attur u pprova jqabbad il-mutur dan ma hadimx u l-mekkanik tas-socjeta' konvenuta certu Eric mar ghandu u bidillu l-pompa u in segwitu beda jahdem.*

*Tenna li kien mar ghand l-agent tad-dghajsa sabiex inizzillu l-mutur sabiex jimbotta ahjar u l-agent qallu li darba fis-sena kellu jaghmel service tal-mutur u darba kull sentejn ibiddel l-impeller tieghu. F'April 2011 kien mar ghand is-socjeta' konvenuta u talab li jsir service tal-mutur kif kien gie istruwit li jaghmel u l-mekkanik tieghu certu Robert qallu sabiex ibiddel l-impeller tal-mutur. Huwa qaghad fuq il-parir tieghu u ghalhekk xtaq ibiddlu. Il-mekkanik ma setghax jiftah is-sieq tal-mutur fejn ikun hemm l-impeller u ghalhekk qaghad bil-wieqfa fuq is-sieq u beda jaghti bil-martell u skarpell. Tant li ddentjah u kisser il-gromet ta' l-ispeedometer  kif jidher fir ritratt li gie esebit u mmarkat bhala Dok C2. Tkellem mad-Direttur tas-socjeta' konvenuta certu Nichol Chetcuti u qallu b'dak li kien gara u talbu sabiex ihalli d-dghajsa hemm u wara jumejn qallu li kollox kien tranga u li setgha imur jigbor id-dghajsa u qallu li bil-mutur setgha jahdem.*

*Spjega pero' li l-mekkanik ma setghax jerga' jaghlaq is-sieq tal-mutur u fil-fatt qala' l-magna 'l barra u wahhal is-sieq bil-boldijiet minn isfel mal-kumplament tal-mutur u jpoggi l-magna fuqha. B'konsegwenza ta' dan kellu wkoll jinbidel il-gasket a spejjez tieghu u peress li kien kisser il-gromet ta' l-ispeedometer il-mutur ma setghax jiehu speedometer iktar.*

*Nel frattemp, rega' halla d-dghajsa hemm u qallu li ma kienx kuntent biha u ma kienx ser jiehu magna b'dawn il-problemi kollha. Qallu li kien ser jiccekja direttament mad-dirigenti tat-Tohatsu u minflok ma spicca hallas mitejn Ewro (€200) ghas-service spicca hallas tlett mitt Ewro (€300). Spjega li din l-ispiza minhabba d-difett fil-mutur trid issir kull darba li jbiddel l-impeller skond ma qallu l-mekkanik. Huwa esebixxa rapport tal-mekkanik li gie immarkat bhala Dok C3 u ma' dan id-dokument hemm ukoll anness l-ircevuta li huwa nghata ghas-service li ghamel.*

*Fis-17 ta April, 2011 huwa rcieva sms minghand Nichol Chetcuti sabiex jizgombra d-dghajsa li kellu fil-garage tieghu ghaliex kien ser jitfaghha 'l barra. Huwa talab rapport qabel ma jhallas izda l-konvenut ma riedx jirrilaxja*

*rapport qabel ma jithallas. Ghalhekk Chetcuti qallu biex l-attur jaghmel rapport hu, jibghatulu u jiffirmahulu, liema rapport gie esebit u mmarkat bhala Dok C4. Hallsu, ha d-dghajsa izda ma uzahiex u qallu li kien ser jistenna ir-rapport tat-Tohatsu. Huwa mar ikellem avukat u qallu b'dak li kien gara u qallu li kellu sitt xhur sabiex jagixxi minn mindu induna bid-difett. Tenna li qabel ma fetah il-kawza ipprova jirranga din il-materja u anke mar ghand Ingineer Pierre Cassar u talbu rapport ta' dak li kien ikkonstata u dan gie mmarkat bhala Dok C3. Dan beda jgiblu skuzi bil-mod kif kien imwahhal il-mutur u qallu li minhabba f'hekk il-garanzija ma kinetx tkoprieh. Huwa esebixxa tmien faccati ta' korrispondenza li ghaddiet bejniethom li giet immarkata bhala Dok C5. Huwa baqa' jinsisti li jinghata mutur gdid izda ghalxejn. Flimkien ma' din il-kawza huwa iddepozita d-dghajsa l-Qorti permezz ta' cedola ta' depozitu. Huwa esebixxa ukoll hmistax-il ritratt li jindikaw il-mutur miftuh li gew immarkati bhala Dok C7 sa Dok C21.*

*Semghet lill-attur Clayton Camilleri jixhed in kontro-ezami nhar id-29 ta' Frar, 2012 fejn qal li meta xtara d-dghajsa tad-ditta Kaptan Trend din kienet iddisinjata sabiex tiehu outboard engine, u tenna li gia kellha il-mounting u l-bracket ta' wara biex jiehdu l-magna. Il-bracket pero' kienet imwahhla apparti mad-dghajsa. Qal li meta ra d-dghajsa ghall-ewwel darba kienet diga b'din il-bracket. Min hadem din il-bracket ma jafx, kienet imwahhla lesta, effettivament din kienet it-tieni dghajsa li qatt xtara. L-ewwel dghajsa li kellu kellha wkoll il-magna outboard.*

*Lil Paul Chetcuti kien jafu di vista biss. Huwa minnu li effettivament dan Nichol Chetcuti tah discount meta mar biex jixtri il-mutur. Spjega li wara li xtara d-dghajsa effettivament kien nizzilha l-bahar, varahha u meta beda jaghtiha il-gas u appuntu meta l-mutur jaqbad il 4000 revs kien jigbed l-arja. Dan sehh peress li l-mutur kien imwahhal ftit 'il fuq aktar milli suppost. Qal li d-dghajsa kienet iddum biex tiplejnja. Huwa minnu li kull mutur huwa adjustable u l-bracket tal-mutur ghandu diversi toqob sabiex il-mutur jitla' u jinzel. Ikkonferma li kienet saret varjazzjoni fil-boltijiet tal-mutur li jehel mal-bracket tad-dghajsa, billi nizzlu l-boltijiet biex b'hekk il-mutur nizel aktar fil-bahar, u kollox kien tal-fabbrika, fis-sens li anke t-toqob tal-boltijiet li kien hemm mal-mutur kienu dawk mahruga mill-fabbrika.*

*B'dan spjega li hija l-bracket li hija mwahhla mad-dghajsa, mal-poppa tad-dghajsa li tmiss mhux il-mutur. Ma ttaqbu l-ebda toqob godda, b'hekk il-mutur nizel aktar fil-bahar. Sa fejn jaf hu l-mutur kien imwahhal mal-bracket b'erba'*

*boltijiet, u baqa' hekk imwahhal b'erba' boltijiet anke wara li sar it-tibdil. Jikkonferma li l-mutur in kwistjoni huwa dak muri fir-ritratt anness mal-affidavit tal-konvenut. Qal li hemm zewg boltijiet li jidhru minn barra u zewg boltijiet li huma minn naha ta' gewwa, li f'dawk ir-ritratti ma' jidhrux. Dawn jidhru jekk tinfetah l-inspection hole ta' fuq l-injama. Itenni li t-toqob taqqbuhom tal-Kaptan, il-boat fitters, mhux hu.*

*Rat in-nota ta' Sundream Limited ipprezentata minn Dr. Jean Karl Farrugia nhar id-29 ta' Frar, 2012 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta esebiet affidavit tad-direttur taghha Nichol Chetcuti. Fl-affidavit tieghu, Chetcuti qal li xogholu jikkonsisti fil-gestjoni ta' negozju ta' importazzjoni u bejgh ta' bcejjec u muturi tal-bahar u apparat iehor relatat, taht l-isem kummercjali "Mecca Marine". Qal li din id-ditta hija fost l-akbar agenti li hawn Malta f'dan is-settur u fost ohrajn huma l-importaturi ta' ditti mondjali "Mercury", "Tohatsu", "Bayliner" u ohrajn. Tenna li ilu jaf lil Clayton Camilleri personalment ghal diversi snin u jaf li huwa dilettant tas-sajd. Iddikjara li fis-sena elfejn u disgha (2009) l-attur kien xtara dghajsa maghmula lokalment minghand id-ditta "Kaptan" tal-mudell "Trend" u kien mar ghand id-direttur ta' Sundream Limited sabiex jakkwista mutur outboard ghal din id-dghajsa. Xtara mutur tal-ghamla Tohatsu, mudell 90hp TLDI b'serial number 019971XG, ghas-somma ta' €6,871.34, u dan kien prezz imrahhas minflok mis-showroom price ta' €7,455.00, kif ukoll tah free installation ghat-twahhil tal-mutur. Ghalhekk l-attur gab din id-dghajsa fil-workshop taghhom f'San Pawl il-Bahar fejn wara li tlesta x-xoghol u sahansitra sar sea trial u gie approvat ix-xoghol, il-mutur gie commissioned fit-18 ta' Gunju, 2009. Zied jghid li kien gie nfurmat li wara li gie commissioned il-mutur, Clayton Camilleri kien mar ghal sea trial iehor mal-boat builder cioe' sid id-ditta "Kaptan" ghaliex kien hemm difett fid-disinn tal-poppa (transom) u ghalhekk il-mutur rega' nqala' minn terzi li ma kienux awtorizzati mis-socjeta' konvenuta bhala agent esklussiv lokali tad-ditta Tohatsu. Qal li sar jaf zmien twil wara li kienu il-boat builders li zarmaw il-mutur mibjugh u commissioned lir-rikorrent, qataw parti min-naha ta' wara (poppa) tad-dghajsa, ghamlu modifikazzjoni tal-bracket li maghha kien marbut il-mutur u li tohrog 'il barra mid-dghajsa, u armaw mill-gdid il-bracket modifikata, kif jidher fir-rittratti mmarkati Dokument A u B.*

*Qal li mutur tal-bahar ghandu bzonn essenzjalment illi jkun marbut sew mal-parti posterjuri ta' dghajsa, skond id-disinn u l-ispecifikazzjonijiet tad-ditta tal-mutur, manadakollu qatt b'inqas minn erba' boltijiet kif fil-fatt kien twahhal*

*mit-teknici taghhom. Ir-raguni ghal dan huwa sabiex il-mutur iserrah kompletament mal-poppa tad-dghajsa, filwaqt li bil-mod kif twahhal mit-terzi mqabbda mir-rikorrent, il-bracket u ghalhekk il-mutur twahhal b'zewg (2) boltijiet biss b'rizultat li nofs il-bracket giet imdendla in arja. Dan jaghti lok ghal moviment ossija flexing tal-mutur kull meta jintuza b'konsegwenza diretta li jsir stress u hsara partikolarment fuq id-drive shaft tal-mutur.*

*Irrakkonta kif f'Marzu tas-sena 2011 ir-rikorrent gab id-dghajsa tieghu fl-istabbiliment taghhom sabiex isir service tal-mutur. Chetcuti staqsieh kemm kien ghamel sieghat bil-mutur, u Camilleri wiegeb li xi mitt (100) siegha. Pero' meta l-mekkanik ghamel is-service, il-qari digitali tal-ECU irrizulta li kien gia intuza ghal tlett mija w hamsin (350) siegha. Skond il-manufacturer's warranty guidelines, li taghhom l-attur ghandu kopja, il-mutur kellu jsirlu service kull mija w hamsin (150) siegha u jinbidlulu certu consumable parts bhal ma huwa l-impeller.*

*Irrefera ghall-kontenut tal-hames (5) paragrafu tal-affidavit tal-attur. Il-gromet li jsemmi gabuh, madanakollu ghadu ghandhom ghaliex ir-rikorrent qatt ma gie jigbru.*

*Qal li kien propju waqt is-service illi hu flimkien mal-mekkanik Robert Zammit intebhu li d-drive shaft evidentement kien imbaram mill-uzu estensiv ta' tlett mija w hamsin (350) siegha tal-mutur marbut hazin, peress li sabu diffikulta' kbira biex jaqalghuh, u dan jidher fir-rittratti annessi u mmarkati Dokumenti C, D, E u F. Iddikjara li kien sorpriz li l-bracket li torbot il-mutur tad-dghajsa ma nqasmitx. Tenna wkoll li t-teknici ta' Sundream Limited mhumiex sempliciment mekkaniks, izda huma fully qualified recognized Outboard Techinicians, certifikati kemm mid-ditta Tohatsu kif ukoll mid-ditta Mercury, u ghandhom esperjenza ta' madwar tletin sena u erbgha w ghoxrin sena rispettivament f'dan ix-xoghol, u hemez ma' dan l-affidavit il-kwalifika taghhom immarkati bhala Dokument G, H, I u J.*

*Spjega li meta tlesta s-service, startjaw il-mutur u raw li kollox kien qed jahdem sew. Avzaw lill-attur illi l-bracket tal-mutur kellha titwahhal sew mal-poppa b'erba' boltijiet. Dan jirrizulta sahansitra mill-Owner's Manual tal-mutur tieghu, mehmuz bhala Dokument K.*

*Ghamel referenza ghall-hames sat-tmien paragrafu tal-affidavit tar-rikorrent u ccara li l-Full Service normali jinkludi l-bdil tal-impeller u jiswa mitejn u tmenin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€280.31) u mhux mitejn Ewro (€200).*

*Sabiex jaghti l-aktar servizz professjonali lill-attur, hu kien offrielu li jinzebgha bl-ispray il-parti ta' mutur li kienet ingirfet minhabba d-diffikulta' kbira biex inqala' x-shaft il-mibrum tal-mutur mill-mekkanik taghhom.*

*Tenna li dan ix-xoghol kien ilu li sar mill-ewwel gimgha ta' Marzu tas-sena 2011, izda kien gabru fis-17 ta' April 2011, ghalkemm kien cempillu kemm-il darba biex jigbor id-dghajsa mill-bitha taghhom, u wara li kien spjegalu x'sabu u x'kellu jaghmel mal-bracket u l-poppa ghand il-boat builder.*

*Ikkonferma l-kontenut tad-disa' paragrafu tieghu li huwa gie jigbor id-dghajsa fis-17 ta' April, 2011 wara li avzah li kien hemm Boat Show fl-istabbiliment u kellu bzonn l-ispazju w qallu li kien ha johrogielu barra fit-triq. Qal ukoll illi kien talab lill-attur jaghmel dikjarazzjoni tal-fatti, esebita bhala Annex B, li kien kiteb hu stess filwaqt li Chetcuti iffirmahielu f'isem il-kumpanija.*

*Irrefera ghar-rapport tal-Inginier Pierre Cassar (Dok C3) u ssolleva li l-Inginier Cassar ghal xi raguni ghazel li ma jispjegax ghalhiex is-service procedure ma setghax isir fil-metodu u l-manjiera normali skond is-sengha u l-arti. Dan kien rizultat tax-shaft mibrum li wassal ghad-diffikulta' kbira li jidhol u johrog minn gos-sieq tal-mutur. M'huwiex minnu li s-service ma sarx correctly kif qal hu. Dan in-nuqqas iwassal ghall-konkluzjoni hazina tar-rapport tal-Inginier.*

*Nichol Chetcuti kompla jghid illi r-rapport tal-Inginier Cassar sar 'on the service carried out in his (tar-rikorrent) Tohatsu". Dan m'huwiex rapport tekniku. Fl-opinjoni tieghu huwa car li l-Inginier Cassar strieh fuq il-verzjoni tal-fatti moghtija mir-rikkorent biss stante li (1) huwa ma spezjonax il-mutur meta kien ghadu fl-istabbiliment taghhom u (2) qatt ma kellem lilu stess jew lit-teknici partikolarment il-mekkanik Robert Zammit.*

*Jemmen illi il-konkluzjoni li wasal ghaliha l-Inginier Cassar hija wahda hazina. Bracket mhux imwahhla sew ser tikkreja swinging effect fuq is-sieq u x-shaft meta jintuza l-mutur kif gie mwahhal. Dan wassal ghall-brim tax-shaft, li konsegwentement iwassal ghal diffikulta' kbira biex jinqala' u jitwahhal f'postu peress li tezisti precizjoni kbira fil-post fejn jehel ix-shaft fil-mutur.*

*Enfasizza illi d-dghajsa Kaptan tar-rikorrent m'ghandhiex certifikazzjoni maghrufa bhala CE Marking ghall-modifiki maghmula, u lanqas tal-bracket li maghha gie mwahhal il-mutur. Ghalhekk dawn jitqiesu bhala ta' kwalita' inaccettabbli biex jitqieghdu fis-suq fl-EU. Huwa talab lir-rikorrent sabiex*

*jaghtih dawn ic-certifikati halli jaghti rapport komplut lit-Tohatsu Japan, izda r-rikorrent ghaddielu dokumenti tal-mudell tad-dghajsa tieghu minghajr il-modifika fil-poppa u minghajr il-bracket li ntuzat. Din id-dghajsa giet irregistrata bhala MFC u ghalhekk mal-Fisheries Directorate, li ma jidhlux f'dan id-dettal tekniku. B'dawn in-nuqqasijiet din id-dghajsa ma kinitx tista' tigi rregistrata mat-Transport Malta (sottolinear ta' din il-Qorti). Qal li dan huwa fattur importanti hafna ghaliex id-dghajsa Kaptan Trend hija wahda ddisinjata sabiex tiehu mutur inboard cioe' li tkun installata god-dghajsa, u mhux outboard kif ghazel li jarmaha r-rikorrent. Il-hsara li saret lix-shaft hija konsegwenza ta' din l-installazzjoni, u xejn aktar. Jirrileva wkoll illi l-brim li sofra x-shaft huwa wiehed minimu u ma affettwax l-operazzjoni tal-mutur, u tant hu hekk li Camilleri baqa' juza l-mutur. Dan juri bic-car illi l-mutur ma kellu l-ebda difett latenti.*

*Ikkonkluda billi jghid illi l-attur kien stqarr mieghu li d-ditta Kaptan kienet falliet u ghalhekk ma setghax ifittixhom bil-Qorti ghax-xoghol hazin li kienu ghamlu fuq id-dghajsa tieghu.*

*Rat il-verbal taghha tat-3 ta' April, 2012 fejn il-Qorti hatret lil Anthony Dalli bhala Perit Tekniku u dan bi qbil bejn iz-zewg partijiet.*

*L-Espert Anthony Dalli xehed nhar l-14 ta' Gunju 2012 fejn iddikjara li kien gie nominat minn din il-Qorti u dan fil-kapacita' tieghu bhala espert tekniku sabiex jirrelata fuq il-fatti tal-kaz u fil-fatt dakinhar huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu liema relazzjoni giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument AD. Ikkonferma li thallas tal-inkarigu moghti lilu.*

*L-Espert Anthony Dalli xehed ukoll fis-7 ta' Novembru 2012 fejn ikkonferma li fit-3 ta' April 2012 kien ezamina d-dghajsa. Id-dghajsa kienet mizmuma gewwa garaxx iz-Zurrieq. Huwa spjega li d-dghajsa kellha l-outboard imwahhla maghha fuq wara u ma kienx zarmat. Id-dghajsa kienet mizmuma tajba. Waqt l-access kien hemm is-sid tal-garaxx li fetah il-garaxx, l-espert stess u l-partijiet biss.*

*Ix-xhud l-ewwel kien mar jara l-garaxx wara li fetahlu l-post Clayton Camilleri u ssussugwentament mar jitkellem ma' xi dirigenti tal-Mekka Enterprises. Hadd minnhom ma' kien prezenti waqt l-access. Id-dghajsa hija ta' mudell Kaptan Trend. Fuq il-vettura li ezamina ma kienx hemm sea marking, ghalkemm skond l-ittra li rcevew minghand il-kaptan boats, din id-dghajsa suppost ghandha s-sea marking.*

*Huwa xtaq jghid li d-dghajsa in kwistjoni ghandha xi hmistax il-pied pero' meta ra' l-platform hemm zewg piedi ohra. Din il-platform hija parti mid- dghajsa ghaliex l-outboard jehel maghha u minghajr din il-platform il-mutur ma jistax jehel ghaliex jigi gholi hafna. Il-platform hija parti mill-Captain Boats u mhux parti mill-mutur Tohatsu. Huwa kkonferma li kellha ssir alterazzjoni fuq il-platform sabiex twahhal it-Tohatsu outboard. Pero' ma kienx hemm alterazzjonijiet fil-magna u affarijiet bhal dawn.*

*Mistoqsi ghaliex kellhom isiru l-modifiki meta din hija production boat, wiegeb li kull outboard motor huwa differenti fid-daqs u fit-tul tieghu u l-gholi u ghalhekk trid taghmel modifika skond l-outboard li ser tinxtara ghad-dghajsa partikulari u din taffetwa l-performance tad-dghajsa. Naturalment din il-modifika issir darba, l-ewwel darba li jkun ser jigi installat il-mutur.*

*Mistoqsi jekk rax builder certificate ta' din id-dghajsa qal li le ma rax. Huwa kien interessat fuq il-mutur u naturalment fuq is-sahha tal-platform. Mistoqsi jekk huwa tkellimx mar-rapprezentant tal-Mekka, qal li iva kellimhom wara li ra l-mutur imwahhal. Huwa kellem kemm il-mekkanik kif ukoll lil Nichol Chetcuti. Il-mekkanik in kwistjoni kien ilu jafu u jqisu bhala persuna kompetenti. Il-manwal tal-mutur Tohatsu x-xhud ma rahx. Huwa ra l-garanzija u hemm kopja taghha fir-rapport.*

*Huwa sostna li ma sar l-ebda modifikazzjoni fuq il-mutur. Il-mutur kien maghluq. Ix-xhud spjega li l-mutur hallewlu l-boldijiet, ghollewh, ghamlu l-modifikazzjoni necessarja fil-platform u regghu wahhluh. Il-modifikazzjoni saret mill-manifattur tad-dghajsa stess, imma din hija haga normali. Huwa spjega li l-installazzjoni msemmija fil-manwal hija wahda generali. Fil-fatt l-installazzjoni tal-mutur saret skond it-toqob li kienu diga ezistenti mill-manifattura ta' barra. Pero' din ma kellha x'taqsam xejn ma' xi flexing li seta' kien hemm fil-mutur. Il-bracket kienet imwahhla mad-dghajsa. Filfatt hemm parti mill-bracket li huma fl-arja, kif muri fir-ritratti 5 u 6.*

*Mistoqsi jekk kienx hemm xi dhul ta' ilma mal-boldijiet kif murija fir-ritratti numru 7 u 8, huwa wiegeb li ma jirrizultalux li kien hemm. Fin-numru 8 hemm l-infurzar tad-dghajsa li jfisser li hemm sahha bizzejjed biex il-magna tiflah il-mutur. Huwa tenna li ma startjax il-mutur waqt l-access. Skond is-sur Nikol Chetcuti, il-mutur gralu li gralu minhabba li l-mutur beda jifflexja u drive shaft beda jinbaram. Pero' l-espert sostna li dan ma jistax ikun mill-esperjenza professjonali tieghu.*

*Huwa spjega li d-drive shaft tal-mutur ghandu splines u l-crank shaft ghandu splines ukoll u dawn jidhlu go xulxin biex b'hekk il-magna tkun tista' ddur u probabbilment ma hemmx clearance bizzejjed bejn dawn iz-zewg plajsis. Biex tbiddel impeller kull ma trid hu massimu ta' ghaxar minuti. Huwa spjega li problemi minhabba n-nuqqas ta' qbil fl-isplines hija krejata fl-istadju tal-manifattura. Hija kwistjoni ta' difett fl-inginerija fil-manifattura (sottolinear ta' din il-Qorti), mhix kwistjoni ta' hmieg ghax wara li tnaddfu l-hmieg jitlaq. Huwa spjega li wara li tnaddfu l-hadid jidhol, izda hemmhekk zgur mhux ser isaddad. Fl-opinjoni tax-xhud irid jinbidel il-krank shaft u d-drive shaft.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet esebita mill-attur kif prezentata fl-atti nhar l-20 ta' Novembru 2012 (fol. 130), liema nota giet notifikata lill-avukat difensur tal-konvenut nhar it-3 ta' Dicembru 2012 (fol. 129).*

*Rat illi nonostante z-zmien moghti lill-konvenut sabiex jipprezenta n-nota responsiva tieghu kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tas-7 ta' Novembru 2012 dan baqa' inadempjenti u fil-fatt lanqas deher ghas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012 ghal meta kienet giet differita l-kawza.*

*Rat illi skond il-verbal tat-12 ta' Dicembru 2012 din il-kawza illum tinsab differita ghas-sentenza in difetto ostakolo.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi f'din il-kawza l-attur qed jipprezenta kawza kontra s-socjeta' konvenuta fejn qed jitlob rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgh tal-mutur tal-ghamla Tohatsu HD90HP BEPOL TLDI datat 18 ta' Lulju 2009, liema mutur inxtara ghall-prezz ta' sitt elef, tmien mija u wiehed u sebghin Ewro u erbgha w tletin centezmu (€6,871.34) liema talba qed issir ghaliex fil-fehma tal-attur dan il-mutur kellu difett latent.*

*Is-socjeta' konvenuta eccepiet in linea preliminari li l-azzjoni odjerna hija llum preskritta ai termini ta' l-Artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti ghalhekk sejra l-ewwel tezamina l-fatti specie tal-kaz sabiex tara jekk l-azzjoni tal-attur tinkwadrax ruhha fl-azzjoni hekk maghrufa bhala redhibitorja u wara sejra tara jekk tali azzjoni hix preskritta ai termini tal-Artikolu 1341 tal-Kapitolu 16 kif eccepit mis-socjeta' konvenuta.*

*Skond ix-xhieda moghtija mill-Espert nominat minnha u cioe' Anthony Dalli, liema espert ma giex kontradett, dan ghamel xi osservazzjonijiet li jirrigwardaw*

*il-mutur in kwistjoni u cioe' l-mounting tieghu ma sarx tajjeb u b'hekk ikkreja diversi problemi lill-mutur. L-espert jghaddi s-segwenti kummenti f'dan ir-rigward:*

*a. L-Espert kien tal-opinjoni li jista' jkun li ma kienx hemm clearance bizzejjed bejn s-splines tad-drive shaft u li s-splines tal-crank shaft tal-magna u dan mhux tajjeb.*
*b. Li huwa hazin li sabiex jinbiddel l-impeller tal-magna trid per konsegwenza tinbidel il-gasket ghaliex dan jista' jwassal ghal xi hsara fl-electrical wiring. Ghal xoghol ta' ghaxar minuti ma jistax wiehed jaqla' l-magna bi spejjez akbar.*
*c. Li ghalkemm l-attur ma ghamilx is-service tal-mutur kull sena jew kull 150 siegha, dan ma kellhux effett fuq il-problema li s-sieq ta' l-outboard ma setghetx tidhol fil-magna.*
*d. Li l-mutur hu maghluq kollu 'enclosed' bl-outer cover u l-ebda hsara interna ma tista tigri lill-mutur minn gewwa (eg id-drive shaft) jekk ma jkunx hemm xi kuntatt bejn l-iskrun u xi haga iebsa. L-iskrun kien iccekkjat sewwa u ma kien hemm l-ebda daqqa li setghet tikkontribwixxi ghal xi hsara interna tal-mutur.*
*e. Li mhux minnu dak li allegaw is-sur Chetcuti u l-mechanic Robert Zammit li d-drive shaft kien imbaram mill-uzu estensiv tieghu izda dan sehh ghaliex il-mutur kien marbut hazin, u filfatt instabet diffikulta' kbira biex dawn jaqilghuh.*
*f. Jikkonkludi li mill-esperjenza tieghu, l-istatement tas-socjeta' konvenuta mhux veritier u ma jistax jkun emnut. Jispjega li l-mutur ma garrab l-ebda hsara. Il-mutur huwa maghluq (enclosed) u jekk il-propeller ma jahbatx ma' xi haga fil-bahar, id-drive shaft ma jistax jitghawweg. Infatti jghid li meta kien qed ikellem lill-mechanic s-sur Robert Zammit fil-presenza ta' Nichol Chetcuti ammetta li d-drive shaft kien ghadu tajjeb u dritt. Id-drive shaft ma kienx mghawweg u filfatt dak il-hin is-sur Chetcuti qallu li ma kienx tekniku.*
*g. Konsegwentement l-Espert jaqbel ma' dak li stqarr l-inginier Pierre Cassar fir-rapport tieghu stess Dok C3 a fol. 22 tal-atti l-engine mounting fuq id-dghajsa ma sarx b'mod korrett.*
*Il-piz probatorju ta` relazzjoni peritali*

*Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "Calleja vs Mifsud", il-Qorti tal-Appell qalet hekk:*

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kienetx obligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li*

*tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kienetx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika."*

*Kif tajjeb ossevat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet '<u>C & F Building Contractors Ltd kontra Tal-Grazzja Autocare Co. Ltd</u>', deciza recentement fit-12 ta' April 2012:*

*"In linea ta` principju, ghalkemm Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi Qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("<u>Grima vs Mamo et noe</u>" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*

*Jigifieri Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("<u>Cauchi vs Mercieca</u>" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 ; "<u>Saliba vs Farrugia</u>" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "<u>Calleja noe vs Mifsud</u>" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).*

*Il-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenoke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("<u>Bugeja et vs Muscat et"</u> – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).*

*Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost u cioe' tal-konsiderazzjonijiet moghtija mill-espert nominat minnha ma hemm l-ebda dubju li l-elementi ta' l-azzjoni*

*rediborja gew sodisfatti ghaliex jirrizulta li (i) li hemm vizzju tal-oggett mixtri u li tali difett kien mohbi; (ii) li dan il-vizzju kien wiehed serju u ta' certu gravita'; (iii) li kien pre-ezistenti ghal bejgh jew ezistenti fil-mument tal-bejgh ("Emanuel Fava vs Profs. John Mamo et nomine" P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003); "Helen Micallef vs Godfrey Debattista et" (P.A. (JRM) – 27 ta' Ottubru 2005).*

*Illi fil-fatt id-difett huwa tant gravi li ma hemmx dubju li kieku l-attur kien jaf b'tali difett huwa ma kienx ser jixtri tali mutur ghaliex id-difett huwa wiehed gravi ("Mario Debono et Anthony Portelli et" (P.A. – 16 ta' Ottubru 1999); "Av. Dr. Anton Felice et vs Aplan Limited" (A.I.C. (PS) – 12 ta' Jannar 2005) u huwa mmaterjali li dan ikun jista' jissewwa ghaliex min ihallas prezz gust ma ghandhux jigi kostrett jikkuntenta ruhu b'haga imsewwija iktar u iktar meta qed titkellmu fuq xi haga li ghandha prezz sostanzjali jew konsiderevoli. Id-difett kien mohbi ghaliex ix-xerrej b'diligenza ordinarja u wahda ma setghax jiskopri tali difett ("Carmelo Schembri vs Salvina Aquilina nomine" (K – 6 ta' Novembru 1987).*

*Illi ma hemm l-ebda dubbju li tant huwa serju f'dan il-kaz id-difett, li l-attur kieku kien jaf bih ma kienx ser jixtri l-istess mutur li inxtara bhala gdid fuq suggeriment tas-socjeta' konvenuta ghaliex fir-realta' huwa ried ghamla differenti u meta induna bid-difett li kellu qabad u hallih fil-garaxx sakemm gie mitlub jigbru u ddepositah il-Qorti permezz ta' cedola ta' depozitu. ("Emanuel Fava vs Profs. John Mamo et nomine" P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003); "Helen Micallef vs Godfrey Debattista et" (P.A. (JRM) – 27 ta' Ottubru 2005). Issir referenza ghall-affidavit tal-attur stess, a fol 12, fejn jghid li ex admissis "jien hallejt id-dghajsa ghand Nichol Chetcuti u ghedtlu li jien ma kontx sodisfatt u li ma kontx ser niehu d-dghajsa lura minghandu b'dik il-magna b'dawn il-problemi kollha."*

*Eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Dan l-artikolu jaqra hekk:*

*1431 (1) "L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-reskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.*

*(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx jgħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett."*

*Il-kaz odjern jirrigwarda mutur tal-bahar u allura hwejjeg mobbli. Ghalhekk il-perjodu preskrittiv tal-azzjoni fil-kaz odjern, u skond is-subartikolu (1) tal-Artikolu 1431 tal-Kap. 16, huwa bl-eghluq ta' sitt xhur minn dakinhar tal-kunsinna tal-mutur.*

*Inghad hafna u gew decizi diversi sentenzi dwar jekk it-terminu ta' sitt xhur huwiex terminu ta' preskrizzjoni jew terminu ta' dekadenza. Kien hemm zmien, anke fis-sebghinijiet, li l-Qrati taghna kienu jghidu li t-terminu imsemmi fis-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 1431 huwa terminu ta' preskrizzjoni. Dikjarazzjonijiet dawn sahansitra mill-Qrati ta' l-Appell meta inghad "Dana l-perjodu, jigi ghal kull fini innotat, hu, skond il-gurisprudenza l-izjed recenti, ta' preskrizzjoni, mhux ta' dekadenza -vide '<u>Emmanuele Calleja vs Anthony Portelli noe</u>' deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Novembru, 1971 (mhux pubblikata). Ara ukoll f'dan is-sens '<u>Antonio Farrugia vs Innocenzo Vassallo</u>' deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-15 ta' Dicembru, 1891 (Vol. XIII/76); '<u>Paolo Pace vs Antonio Vassallo</u>' deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Marzu, 1894 (Vol. XIV/156); '<u>Aristide Pizzuto vs Giuseppe Refalo</u>' deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Novembru, 1909 (Vol. XX/i/316); '<u>Giuseppe Abela vs Sapienza Ciantar</u>' deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Marzu, 1928 (Vol. XXVII/ii/28) u '<u>Carmelo Cremona et noe vs Salvatore Farrugia</u>' deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Awwissu, 1966 (Vol. L/i/270);".*

*Pero', u fil-fehma ta' din il-Qorti hija hekk ukoll, il-prevalenza tas-sentenzi tal-Qrati taghna kienu dejjem favur it-tejorija li dan it-terminu huwa wiehed ta' dekadenza. Inghad mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, sedenti l-Onorevoli Mhallef T. Gouder fil-kawza fl-ismijiet '<u>Emmanuele Camilleri noe vs Anthony Calascione noe</u>' deciza fid-29 ta' Ottubru, 1954 illi "L-opinjoni prevalenti f'materja ta' azzjoni redibitorja u ta' azzjoni estimatorja hija fis-sens illi t-terminu mpost mill-ligi ghall-ezercizzju ta' dawk lazzjonijiet huwa terminu ta' dekadenza, u mhux terminu ta' preskrizzjoni" u "lanqas it-trattativi li jistghu jkunu hemm bejn iz-zewg kontraenti waqt id-dekorrenza taz-zmien, biex jirrangaw jew jirrizolvu l-kwistjoni, ma jistghu ikollhom effikacja interruttiva, ammenokke bhala effett u fil-kors ta' dawk it-trattativi, u filwaqt li jkun ghaddej iz-zmien, il-venditur ma jkunx irrikonoxxa, u ma jkunx ma ikkuntrastax l-*

*ezistenza tal-vizzju; b'mod li, biex il-kumpratur jista jsostni l-azzjoni tieghu proposta wara d-dekors taz-zmien jehtieglu jipprova illi huwa, fiz-zmien utili, informa lill-venditur bil-vizzju tal-haga, u li dan, f'dak iz-zmien, ipprometta li jiehu l-haga lura, jew almenu rrikonoxxa jew ma kkuntrastax l-ezistenza tal-vizzju".*

*Finalment dik il-Qorti qalet illi "Ir-rikonoxximent tal-vizzju da parti tal-venditur, biex jissospendi d-dekadenza ta' l-azzjoni redibitorja, irid ikun car, formali, esplicitu, inkondizzjonat".*

*Mill-provi jirrizulta li l-attur xtara il-mutur tal-bahar Tohatsu minghand is-socjeta' konvenuta fit-18 ta' Gunju 2009 skond l-ircevuta esebita a fol. 18 immarkata bhala Dok C1. Minkejja li xtara l-mutur pero' ma kienx gabru u hallieh hemm ghaliex l-attur kien ftiehem mas-socjeta' konvenuta li kellu jiehu d-dghajsa s'ghandhom sabiex il-mutur jigi installat minnhom stess. Dakinhar il-venditur kien qallu li kellu jaghmel service darba fis-sena u kull sentejn ibidlu l-impeller. Qal li huwa segwa dawn l-istruzzjonijiet li ma gewx kontradetti u f'April 2011 ha d-dghajsa ghandhom sabiex isir is-service lill-mutur. Kien proprju dakinhar li nduna li l-mutur kellu d-difett latent u dan ghaliex l-inginier kien qallu li l-magna ma kellha tinqala qatt sabiex jinbidel l-impeller u dik suppost kienet kwistjoni ta' ghaxar minuti u mhux ta' sieghat. Fil-pront l-attur irregistra l-oggezzjoni tieghu ghall-mutur u halla l-mutur hemm. Fis-17 ta' April 2011 ircieva sms minghand is-socjeta' konvenuta sabiex imur jigbor il-mutur. Filfatt l-attur kien talbu ghal rapport dwar dak li kien gara u s-socjeta' konvenuta harget job sheet bla data mmarkata bhala Annex A a fol. 24 . Filfatt gie wkoll esebit mill-attur kopja tar-rapport li gie mmarkat bhala ANNEX B a fol. 25 li kkonferma li l-mutur kien gie installat hazin.*

*Il-kawza odjerna giet istitwita fit-3 ta' Ottubru , 2011.*

*Ghalhekk, jekk il-Qorti tieqaf hawn, bil-provi akkwiziti fl-atti processwali, jirrizulta li t-terminu ta' sitt (6) xhur kien lahaq iddekorra. Madanakollu, l-istess Artikolu 1431 jipprovdi fis-subartikolu (2) tieghu li jekk ix-xerrej ma jkunx jista' jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga, dan iz-zmien ta' sitt (6) xhur ma jibdiex jghaddi ħlief minn dakinhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.*

*It-terminu ta' sitt (6) xhur allura jibdew jiddekkorru mill-gurnata li dan id-difett seta' jigi definittivament mikxuf u mhux mill-gurnata li fih ir-rikorrenti nduna bl-irregolarita. Fis-sentenza fl-ismijiet '<u>Maria Rosa Muscat Baldacchino vs</u>*

*Edward Vincenti Kind nomine' deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali nhar it-18 ta' Ottubru, 1963 inghad li:-*

*"Il-kliem tat-tieni subartikolu tal-Artikolu 1481 [illum 1431] tal-Kodici Civili, indikanti id-dies a quo tad-dekorrenza tat-terminu ta' xahar stabbilit mil-ligi, cioe' l-kliem 'minn dak in-nhar li seta jkun li hu kixef id-difett' ghandhom ikunu nterpretati fis-sens li d-dies scientae ma hux dak li fih tigi notata jew riskontrata rregolarita fil-funzjonijiet tal-attrezz mibjugh, imma hu invece dak li fih jigi definittivament accertat id-difett" u fis-sentenza fl-ismijiet Emmanuele Florian vs Rosario Desira deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Gunju, 1969 (mhux pubblikata) gie ritenut li "B'dana kollu hemm zgur punt fiz-zmien li fih l-izvilupp progressiv tal-vizzju jista jinghad li jkun lahaq effett kumulattiv li ghandu ragonevolment jgharraf lix-xerrej bl-ezistenza tieghu, u min dak il-punt jibda jitqies iz-zmien tal-azzjoni jew inazzjoni tal-istess xerrej ghal finijiet tal-artikolu 1481 [illum 1431] tal-Kodici Civili".*

*Issa fil-kaz odjern, id-difett li minnu qieghed jilmenta l-attur kien fis-sens li l-mutur in kwisjtoni ma kienx addattat biex jintrama fuq id-dghajsa li kellu u li dan twehhel hazin tant li meta hadu ghall-ewwel service u sabiex jinbidel l-impeller inqalghu ix-xjaten kollha u bdew johorgu id-difetti tal-mutur. Minn dak li qal l-Espert nominat minnha Anthony Dalli ma jidhirx li l-attur setgha jinduna bid-difett li kellu l-mutur ghaliex kien wiehed latent.*

*Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici billi tordna r-rexissjoni tal-kuntratt ta' akkwist li sar nhar it-18 ta' Lulju 2009 u tordna lis-socjeta' konvenuta tirrifondi lill-attur is-somma ta' sitt elef, tmien mija u wiehed u sebghin Ewro u erbgha w tletin centezmu (€6,871.34) u cioe' s-somma li huwa hallas lis-socjeta' konvenuta skond id-dokument C1 a fol. 18 ghall-akkwist ta' dan il-mutur u qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta' konvenuta.*

*Il-Qorti qed tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez kollha konnessi ma' din il-kawza kif mitluba fir-rikors promotur u l-imghax ghandu jibda jiddekorri mil-lum."*

Bl-appell minnha introdott fil-konfront tas-sentenza appellata is-socjeta appellanti qieghda tressaq is-segwenti aggravvji:

1. Illi id-*dies a quo* tad-dekadenza tat-terminu stabbilit fis-sub-inciz (2) tal-artikolu 1431 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa individwat fil-mument ta’l-iskoperta tad-difett jew inkella mill-mument illi fih ix-xerrej seta’ intebah bid-difett u dan bl-uzu ta’ diligenza ordinarja. Dan sehh ferm qabel gie indikat mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha u kwindi it-terminu statutorju ta’ sitt xhur mill-iskoperta sa meta gew intavolati il-proceduri gudizzjarji kien lehaq iddekorra. Dan ghaliex l-appellat seta induna bid-difett li kieku huwa ha hsieb jaghmel l-ewwel *service* lill-mutur fl-2010 u mhux sentejn wara meta huwa ghogbu finalment jiehu il-mutur ghas-*service* ghand is-socjeta appellanti.
2. In-nuqqas tar-rekwiziti bazilari sabiex tigi ezercitata l-azzjoni redibitorja. Dan ghaliex l-allegat difett latenti ma kienx gravi tant illi cahhad lix-xerrej mit-tgawdija u l-uzu tal-oggett minnu mixtri. Fil-fatt mill-atti jirrizulta illi l-appellat ghamel kwazi sentejn juza id-dghajsa u il-mutur qabel skopra l-allegat difett fid-*drive shaft*. Illi inoltre kellu jigi ippruvat illi d-difett kien pre-ezistenti ghal bejgh jew ezistenti fil-mument tal-bejgh. Illi li kieku l-appellat ha il-mutur ghas-*service* fl-ewwel sena kif kellu dmir li jaghmel seta’ facilment jinbidel il-part difettuz billi l-mutur kien ghadu taht garanzija.

Illi minn ezami tal-lanjanzi imressqa ‘il quddiem mis-socjeta appellanti jirrizulta illi ghalkemm issir referenza ghal principji ta’ dritt li isawwru l-istitut tal-bejgh u ta’l-azzjoni redibitorja, madanakollu l-istess mhumiex hlief kritika lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti fid-dawl ta’ dawn il-principji legali, u dan referibbilment ghad-data meta inkixef id-difett mohbi, il-gravita ta’ tali difett u jekk l-istess kienx pre-ezistenti ghal bejgh jew ezistenti fil-mument tal-bejgh.

Illi kif inhu risaput il-venditur ghandu tlett obbligi u cioe' li jikkonsenja l-haga mibjugha, illi jaghmel tajjeb ghal pacifiku pussess tal-haga mibjugha, u finalment li jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux. Illi bl-azzjoni gudizzjarja istitwita minnu, l-appellat ghalhekk qieghed jilmenta illi l-venditur tal-mutur *outboard* mibjugh u ikkonsenjat lilu naqas minn dana l-ahhar obbligu, ghaliex jallega illi l-mutur kien fih difett mohbi fid-*drive shaft* tieghu, liema difett kien jezisti fil-mument tal-bejgh billi gie stabbilit minn espert fil-qasam illi dan kien difett fil-manifattura.

Illi fl-ewwel gravam imressaq mis-socjeta appellanti ghal gudizzju ta' din il-Qorti, hija tishaq illi fis-sentejn li kien ilu fil-pussess tal-appellat il-mutur mixtri, huwa seta' induna bl-allegat difett u li kwindi t-terminu statutorju ta' sitt xhur stabbilit fil-ligi fl-artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 kien lahaq idekorra. Dan ukoll ghaliex huwa naqas mill-obbligu tieghu illi jiehu il-mutur ghall-ewwel *service* fi zmien sena minn meta kien inxtara jew wara 150 siegha ta' uzu u li kieku ghamel dan zgur illi kien jinduna sa minn dak iz-zmien dwar id-difett mohbi. Illi l-Ewwel Qorti in rigward ghamlet  referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet Maria Rosa Muscat Baldacchino vs Edward Vincenti Kind noe[1], li tirrispekkja l-insenjament tal-gurisprudenza *in materiae* dwar is-sub-inciz (2) tal-artikolu 1431 surriferit indikanti id-*dies a quo* tad-dekorrenza tat-terminu bhala d-*dies scientiae* u cioe' il-jum li fih jigi definittivament accertat mix-xerrej id-difett.

**"dan hu partikolarment il-kaz fil-biegh ta' kongenji jew apparati ta' struttura delikata u teknikament komplikata .... Ma hux logiku li wiehed jirritejni li, malli x-xerrej jirriskontra xi irregolarita fil-funzjonament, jikkonkludi li din l-irregolarita hija difett, li qed tirrendi l-apparat minnu mixtri mhux tajjeb ghall-uzu mahsub, u fil-pront jistitiwxxi l-azzjoni, imma jidher aktar logiku li jinghad li, f'kazi simili, stante il-possibilita' li si tratta, mhux ta' veru difett, imma ta' semplici irregolarita facilment**

---

[1] 18/10/1963

**riparabbli, ix-xerrej jirrikorri lill-bejjiegh biex dan sija pure taht il-garanzija li soltu tigi rilaxxjata mal-bejgh ta' attrezzi simili, jipprovdi ghar-riparazzjoni.**"

Tradott dan l-insenjament ghal fattispecje tal-kaz, ifisser illi d-dies scientiae sehh fil-mument illi id-difett gie accertat mill-appellat u ghalhekk kfi ikkonkludiet tajjeb l-Ewwel Qorti fis-17 ta' April 2011 meta inhareg is-service report esebiet a fol.25 tal-process. Madanakollu s-sub-inciz 2 ta'l-artikolu 1431 jiddisponi testwalment illi t-terminu statutorju jibda jidekorri "minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett." Illi f'kaz konsimili l-Prim'Awla tal-Qorti Civili stharrget il-kwistjoni dwar id-dekorriment tat-terminu statutorju fl-azzjoni redibitorja u cioe' dwar l-interpretazzjoni tad-*dies scientiae* indikat fis-sub-inciz 2 tal-artikolu tal-ligi surriferit:

**"...fejn l-azzjoni tkun waħda mibnija fuq id-difett mistur, iż-żmien imsemmi biex tinbeda l-azzjoni jibda jgħaddi minn dak inhar li x-xerrej seta' jkun li huwa jikxef id-difett jekk kemm-il darba jkun uża dehen ordinarju li bih seta' jintebah. U fejn il-ħaġa mixtrija tkun ta' sura tali li ma jkunx possibli li x-xerrej jintebah b'xi difett moħbi jekk mhux meta jseħħu xi ċirkostanzi partikolari, ż-żmien imsemmi f'dak l-artikolu ma jibdiex jgħaddi qabel ma sseħħ xi ċirkostanza bħal dik, minkejja li jkun għadda żmien twil mix-xiri u l-konsinna tal-ħaġa. Minbarra dan, l-imsemmi żmien jgħaddi minn dak inhar li jirriżulta d-difett moħbi u mhux minn dak inhar li l-ħaġa mixtrija tibda turi li fiha xi nuqqas.**

Premess dan, jirrizulta mill-atti probatorji u mhux ikkontestat illi l-appellat kien uza l-mutur outboard minn meta kien xtrah minghajr ma induna b'xi difett. Illi fil-mument tal-bejgh, izda, huwa obbliga ruhu li jiehu il-mutur ghas-service meta gie pattwit fil-klawsola numri 9 u 10 tal-garanzija:

***"Your obligation is to properly operate, service, maintain and care for you Outboard Motor as described and outlined in your owner's manual. ....."***

***"Where outboards are covered by 3 years, the Outboard must be serviced at Sundream Ltd after each season or at least once a year. Failing to service the outboard at sundream Ltd, your warranry would be void."***

Illi l-appellat naqas minn dan l-obbligu u effettivament ha l-mutur ghall-ewwel *service* ghand is-socjeta appellanti f'Marzu 2011, kwazi sentejn wara li kien akkwista l-mutur f' Gunju 2009. Illi l-espert tekniku fir-rapport tieghu jikkonferma illi s-*service* ma sarx fiz-zmien utli, izda ighid li dan ma kellu l-ebda effett fuq il-hsara riskontrata ghaliex din kienet pre-ezisenti ghal bejgh:

"***Clayton ma ghamilx service tal-mutur kull sena jew kull 150 siegha. Pero jien nemmen li avolja ma sar l-ebda service wara 150 siegha, dan ma kellux effett fuq il-problema li s-sieq ta' l-outboard ma setghatx tidhol fil-magna.***"

Il-Qorti ghalhekk tistaqsi jekk dan id-difett setax jinkixef li kieku s-*service* tal-mutur sar fiz-zmien meta suppost kellu isir, haga li ma gietx stabbilita fir-rapport peritali. Jirrizulta mill-provi, izda illi kien waqt is-*service* li sar tal-mutur mis-socjeta appellanti illi d-difett gie riskontrat. Dak li ma kienx hemm qbil dwaru kien jekk dan kienx prezenti fil-mument tal-bejgh jew jekk l-istess kienx konsegwenza ta' uzu fit-tul minghajr ma saret il-manutenzjoni tal-magna kif suppost kellu isir, haga li giet stabbilita mill-espert fir-relazzjoni tieghu kif inghad. Dan ma jistax hlief ifisser illi li kieku l-appellat ghamel dak li kien fi dmir tieghu li jaghmel bhala *bonus pater familias* u cioe' li jiehu hsieb il-mutur mixtri billi jaghmel manutenzjoni ta'l-istess skont ir-regoli tal-manifattura, huwa seta jinduna b'dan id-difett qabel. Illi gie stabbilit illi l-mutur inxtara fit-18 ta' Gunju 2009, kwindi l-appellat kellu jaghmel is-*service* tal-mutur ghall-inqas sat-18 ta' Gunju 2010 u mhux f'Marzu 2011 u cioe' kwazi sena wara.

"***... che la legge al succitato articolo 1145 della Ordinanza (art.1431 Kod.Civ.) commina la rapida decadenza di un mese se l'azione redibitorja e la "quanti minoris" per riguardo a mobili non viene esercitata entro quel termine contabile dal giorno della consegna; pero' vi sono merci di tale natura, che l'esperimento della loro bonta ed immunita di vizi non sia***

***assolutamente possibile che in certi condizioni determinate, nel qual caso il termine suddetto non dovrebbe in giustizia decorrere fino a che non sia sopravenuta tale possibilita', qualunque sia la distanza che lo separi dalla consegna della merce; e questo principio di giustizia e' sancito dallo stesso articolo laddove dispone che nel caso in cui il compratore fosse stato nella impossibilita di conoscere il vizio occulto della cosa, il detto termine di un mese non decorre se non dal giorno in cui lo abbia potuto conoscere*.**[2]"

Stabbilit ghalhekk illi l-jum meta l-appellat seta jinduna b'dan id-difett b'mod definittiv kien ghal massimu sena wara il-bejgh, (tenut kont ukoll tal-fatt illi f'kwazi sentejn huwa kien uza il-mutur ghal 350 siegha), kwindi indubbjament il-perijodu statutorju ta' sitt xhur minn meta l-appellat seta jintenta b'success l-azzjoni ghal vizzju mohbi kien lahaq idekorra billi bl-uzu ta' diligenza oridnarja id-difett seta inkixef fiz-zmien meta kellha issir il-manutenzjoni tal-magna mixtrija minnu, nuqqas li ghalih ghandu jirrispondi l-appellat u hadd iktar. Kwindi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ser titbieghed mil-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti fis-sentenza impunjata billi d-*dies scientiae* kellu jirrizulta ferm qabel id-data indikata mill-Ewwel Qorti u kwindi l-ewwel aggravvju qed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravvju sollevat mis-socjeta appellanti, tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini ta'l-artikolu 1431 tal-Kodici Civili, u ghalhekk tichad l-istess talba attrici.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi ikunu ghak-karigu tal-appellat.

## < Sentenza Finali >

[2] Ettore Lucia vs Tommaso Chevalier noe. App. Kumm 21/01/1920

---------------------------------TMIEM---------------------------------